MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Mandat Numru. 709/2008/1

**Cassar Weaving Limited**

**vs**

**Khaled bin Salih Mohammed Mohammed u Hafsiyya Abulhassan nee` Abulkassar, imwieled Tripoli, Libya u Sharon bint Emanuel Demanuele u Angela nee` Muscat, imwieled Pieta` konjugi Algededi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta.
Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat illi permezz ta` dan ir-rikors, is-socjeta` Cassar Weaving Limited trid izzomm lill-intimati milli jittrasferixxu proprjeta` u dan in kawtela ta` kreditu vantat fil-konfront tal-intimati.

L-intimati jikkontendu illi l-ammonti dovuti huma dovuti mis-socjeta` K.S.A. Limited li fil-fatt tezercita n-negozji msemmija. Il-proprjetajiet li dwarhom qed jintalab il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni jappartjenu lill-intimati personalment.

Ma ngabet ebda prova lill-Qorti lanqas *prima facie* li l-intimati jistghu jkunu personalment responsabbli ghall-imsemmija debiti.

Ghaldaqstant, il-Qorti hi tal-fehma li ma jezistux l-elementi rikjesti mill-ligi ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tirrevoka d-digriet taghha tad-9 ta` Mejju, 2008 u tichad it-talba definittivament.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------